# In-nuqqas ta' għarfien dwar il-liġijiet tal-ugwaljanza huwa mifrux sew

- **53% tal-vittmi potenzjali tad-diskriminazzjoni u l-fastidju ma jafux id-drittijiet tagħhom**

**Il-Belt Valletta, 3 ta' Awwissu 2009 – Skont stħarriġ tal-Ewrobarometru li sar dan l-aħħar, 53% tal-persuni li weġbuh qalu li ma jafux x'inhuma d-drittijiet tagħhom jekk jisfaw vittmi tad-diskriminazzjoni jew tal-fastidju. Biex ikun żgurat li jitħarsu d-drittijiet, il-Kummissjoni Ewropea għandha liġijiet dettaljati kontra d-diskriminazzjoni, u twaqqaf netwerk Ewropew ta' Entitajiet Nazzjonali għall-Ugwaljanza biex jgħinu lil dawk li qed ifittxu parir. Barra minn hekk, biex tippromwovi l-benefiċċji ta' soċjetà diversa u biex tiġġieled id-diskriminazzjoni, il-Kummissjoni Ewropea bħalissa tinsab għaddejja bil-kampanja "Ngħożżu d-Diversità. Diskriminazzjoni Qatt", maħsuba ħalli tqajjem il-kuxjenza fuq dan is-suġġett.**

## L-Istħarriġ tal-Ewrobarometru – Il-Fatti Ewlenin

Skont stħarriġ li sar dan l-aħħar mill-Ewrobarometru, id-diskriminazzjoni bbażata fuq l-oriġini etnika (62%) hi meqjusa bħala l-aktar forma ta' diskriminazzjoni mifruxa fl-Unjoni Ewropea, segwita mid-diskriminazzjoni fuq il-bażi tal-orjentazzjoni sesswali (51%) u tad-diżabbiltà (45%). Dan l-istħarriġ juri wkoll li l-Ewropej huma komdi bl-idea li jkollhom membru mill-gruppi ta' minoranza joqgħod bieb ma' bieb magħhom. Madankollu, kwart tal-Ewropej ma jkunux komdi b'ġar Roma, meta mqabbla ma' 6% biss li jiddikjaraw dan għal ġar ta' oriġini etnika differenti minn tagħhom. Barra minn hekk, 15% ta' dawk li wieġbu qalu li kienu vittmi tad-diskriminazzjoni matul il-perjodu ta' 12-il xahar ta' qabel l-istħarriġ, u 29% qalu li kienu xhieda ta' diskriminazzjoni li saret lil ħaddieħor matul l-istess perjodu. Ta' min jinnota li d-diskriminazzjoni globalment tidher li qed tonqos, għalkemm mhux b'rata kbira.

## L-Entitajiet Nazzjonali għall-Ugwaljanza

Biex ikun żgurat li l-liġi tal-UE f'dan il-qasam tiġi implimentata kif suppost u b'mod effettiv, twaqqfu l-**Entitajiet għall-Ugwaljanza** madwar l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, bil-ħsieb li jippromwovu l-ugwaljanza u jiġġieldu d-diskriminazzjoni fl-oqsma koperti mid-Direttivi għat-Trattament Ugwali tal-UE.

Deleted: '

Dawn jipprovdu għadd ta' servizzi li jinkludu assistenza indipendenti lill-vittmi tad-diskriminazzjoni, it-twettiq ta' stħarriġiet indipendenti dwar id-diskriminazzjoni, il-pubblikazzjoni ta' rapporti indipendenti u l-għoti ta' suġġerimenti fuq dan il-qasam.

## Il-kampanja "Ngħożżu d-Diversità. Diskriminazzjoni Qatt."

Din il-kampanja ta' informazzjoni "Ngħożżu d-Diversità. Diskriminazzjoni Qatt." tnediet mid-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea għall-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Opportunitajiet Indaqs fl-2003 u hi maħsuba biex tinforma lin-nies fl-Ewropa bid-drittijiet u bir-responsabbiltajiet tagħhom skont il-leġiżlazzjoni tal-UE.

Il-kampanja qed tiġi organizzata fis-27 Stat Membru kollha tal-UE biex tqajjem kuxjenza fuq id-diskriminazzjoni u dwar il-leġiżlazzjoni li teżisti, biex niġġilduha kif ukoll biex tagħmel enfasi fuq il-benefiċċji tad-diversità fil-post tax-xogħol u fis-soċjetà kollha. Għandha l-għan li tiġġieled kwalunkwe diskriminazzjoni bbażata fuq l-oriġini razzjali jew etnika ta' persuna - fl-oqsma kollha tal-ħajja - u kwalunkwe diskriminazzjoni fil-post tax-xogħol ibbażata fuq l-età, id-diżabbiltà, l-orjentazzjoni sesswali, ir-reliġjon jew it-twemmin.

Biex il-kampanja tiġi implimentata kif jixraq fil-livelli nazzjonali, twaqqfu **Gruppi ta' Ħidma Nazzjonali** li jlaqqgħu flimkien esperti dwar id-diskriminazzjoni minn setturi u organizzazzjonijiet differenti mis-27 Stat Membru tal-UE. Peress li tiġbor flimkien rappreżentanti minn NGOs, minn organizzazzjonijiet tan-negozju, minn assoċjazzjonijiet ta' impjegaturi u ta' impjegati, minn trade unions, u minn ministeri nazzjonali, il-kampanja qed tibbenefika mill-ħila esperta ta' varjetà wiesgħa ta' nies li jaħdmu fl-UE kollha.

Għal aktar tagħrif, żur: www.stop-discrimination.info

L-Entità Nazzjonali għall-Ugwaljanza f'Malta hi: Il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (NCPE): www.equality.gov.mt

Il-membri tal-Grupp ta' Ħidma Nazzjonali f'Malta huma:

Il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (NCPE) – www.equality.gov.mt
Il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabbiltà (KNPD) – www.knpd.org
Il-Kamra tal-Kummerċ, l-Intrapriża u l-Industrija ta' Malta – www.maltachamber.org.mt
L-Assoċjazzjoni tal-Impjegaturi Maltin (MEA) – www.maltaemployers.com
Il-Union Ħaddiema Magħqudin (UĦM) – www.uhm.org.mt
Il-Moviment għad-Drittijiet tal-Gays f'Malta (MGRM) – www.maltagayrights.org
Iċ-Ċentru tal-Ġiżwiti Fidi u Ġustizzja (CFJ) – www.jesuit.org.mt/justice
Il-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ (KNŻ) – www.knz.org.mt
L-Assoċjazzjoni Nazzjonali tal-Pensjonanti
Il-Ħbieb taċ-Ċentru tat-Tagħlim tal-Adulti
Iċ-Ċentru ta' Servizz tal-Ġiżwiti għar-Refuġjati – www.jrsmalta.org

Deleted: '

Għal aktar informazzjoni jew materjal tal-midja, tiddejjaqx tikkuntattjana:

Informazzjoni għall-Midja madwar l-Ewropa:
Johannes Kleis, PLEON fuq +32 2 550 00 51 jew fl-indirizz-e: johannes.kleis@pleon.com;
Nina Elzer, PLEON fuq +32 550 00 53 jew fl-indirizz-e: nina.elzer@pleon.com

Informazzjoni għall-Midja f'Malta:
Carmel Bonello, Korrispondent Nazzjonali, BPC International Ltd, fuq +356 21243211

Servizz ta' Kelliema mill-Kummissjoni Ewropea:
Katharina von Schnurbein fuq +32 2 298 14 08 jew fl-indirizz-e: katharina.von-schnurbein@ec.europa.eu

Id-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea għall-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Opportunitajiet Indaqs ilu mill-2003 għaddej b'kampanja ta' informazzjoni madwar l-Ewropa kollha biex jiġġieled id-diskriminazzjoni fuq il-bażijiet tal-oriġini etnika, tar-reliġjon jew tat-twemmin, tal-età, tad-diżabbiltà u tal-orjentazzjoni sesswali. Il-kampanja "Ngħożżu d-Diversità. Diskriminazzjoni Qatt." hi maħsuba biex tinforma lin-nies bid-drittijiet u bir-respnsabbiltajiet tagħhom, skont il-leġiżlazzjoni tal-UE kontra d-diskriminazzjoni. B'hekk tippromwovi l-benefiċċji tad-diversità fil-postijiet tax-xogħol, u tindika l-organizzazzjonijiet li jistgħu jikkuntattjaw il-vittmi tad-diskriminazzjoni . Għaldaqstant il-kampanja għandha effett fuq is-27 Stat Membru kollha tal-UE u hi mmexxija minn struttura unika magħmula minn Gruppi ta' Ħidma Nazzjonali (NWG) li jlaqqgħu flimkien esperti dwar id-diskriminazzjoni minn setturi u organizzazzjonijiet differenti, li primarjament ikunu ġejjin minn NGOs, trade unions, entitajiet għall-ugwaljanza u entitajiet goveranttivi. Ħafna mill-attivitajiet li qed jittellgħu fil-kampanja qed ikunu organizzati b'mod nazzjonali u lokali f'kull Stat Membru tal-UE, b'għajnuna mil-livell Ewropew. Dawn fost l-oħrajn jinkludu sħubijiet ma' avvenimenti nazzjonali, relazzjonijiet mal-midja, il-produzzjoni u t-tqassim tal-materjal tal-kampanja fi 23 lingwa, l-organizzazzjoni ta' Premju għall-Ġurnalisti u l-manteniment tas-sit elettroniku: www.stop-discrimination.info

Il-membri tal-Grupp ta' Ħidma Nazzjonali f'Malta huma:

Il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (NCPE) – www.equality.gov.mt
Il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabbiltà (KNPD) – www.knpd.org
Il-Kamra tal-Kummerċ u l-Intrapriża ta' Malta – www.maltachamber.org.mt
L-Assoċjazzjoni tal-Impjegaturi Maltin (MEA) – www.maltaemployers.com
Il-Union Ħaddiema Magħqudin (UĦM) – www.uhm.org.mt
Il-Moviment għad-Drittijiet tal-Gays ta' Malta (MGRM) – www.maltagayrights.org
Iċ-Ċentru tal-Ġiżwiti Fidi u Ġustizzja (CFJ) – www.jesuit.org.mt/justice
Il-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ (KNŻ) – www.knz.org.mt
L-Assoċjazzjoni Nazzjonali tal-Pensjonanti
Il-Ħbieb taċ-Ċentru tat-Taħriġ tal-Adulti
Iċ-Ċentru ta' Servizz tal-Ġiżwiti għar-Refuġjati – www.jrsmalta.org

Skopri aktar dwar din il-Kampanja f'Malta permezz ta' dan l-avveniment:

Wirja ta' karikaturi fuq it-tema "Ngħożżu d-Diversità. Diskriminazzjoni Qatt" (FDAD) li se tittella' fil-Kavalier San Ġakbu Centru għall-Kreattivita' mill-1 sal-11 t'Ottubru 2009.

Deleted: '

Deleted: '